MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Numru. 1010/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**El Sayed Mohammed Ahmed Ibrahim El Sayed.**

**Seduta tal-lum 10 ta' Dicembru, 2003.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **El Sayed Mohammed Ahmed Ibrahim El Sayed** ta' 29 sena, bin Mohammed u Thia, mwieled l-Egittu fil-11 ta' Novembru, 1974, residenti

Nru 18, Flat 2, Triq San Girgor, Sliema, detentur ta' passport Egizzjan bin-numru 789728;

Talli fit-28 ta' Novembru, 2003, f'xi hin wara nofsinhar fil-Belt Valletta, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif iehor.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikolu 188 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali netta tal-imputat u ghalhekk piena karcerarja ma tkunx idonea.  B'hekk tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija u dan fi zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------